

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► B ► C1 DEĊIŻJONI (UE) [2021/1074] TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Ġunju 2021

dwar l-esklużjoni temporanja ta' ċerti skoperturi għal banek ċentrali mill-miżura ta' skopertura totali fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1306 (BĊE/2021/27) ◀

(ĠU L 230I, 30.6.2021, p. 1)

Kkoreġuta minn:

► C1 Emendi, Ġ.U. L 234, 2.7.2021, p. 102 (2021/1074)

▼B▼C1**DEĊIŻJONI (UE) [2021/1074] TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-18 ta' Ġunju 2021**

dwar l-esklużjoni temporanja ta' ċerti skoperturi għal banek ċentrali mill-miżura ta' skopertura totali fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1306 (BĊE/2021/27)

▼B*Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

- (1) 'Eurosistema' tfisser 'Eurosistema' kif iddefinita fl-Artikolu 2(29) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ⁽¹⁾;
- (2) 'faċilità ta' depożitu' tfisser 'faċilità ta' depożitu' kif iddefinita l-Artikolu 2(21) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);
- (3) 'kontijiet ta' riżerva' tfisser 'kontijiet ta' riżerva' kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/1) ⁽²⁾;
- (4) 'rekwiżiti ta' riżerva minima' tfisser 'rekwiżiti ta' riżerva minima' kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2021/378 (BĊE/2021/1);
- (5) 'entità sinifikanti taħt superviżjoni' tfisser 'entità sinifikanti taħt superviżjoni' kif iddefinita fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) ⁽³⁾.

*Artikolu 2***Determinazzjoni tal-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 429a(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-BĊE ddetermina li, soġġett għall-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu, jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-iskoperturi tal-banek ċentrali elenkati fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 429a(1)(n) ta' dak ir-Regolament mill-miżura tal-iskopertura totali sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-politiki monetarji.

⁽¹⁾ Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi (BĊE/2021/1) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 1).

⁽³⁾ Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

▼B

2. Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jitqiesu li bdew fil-31 ta' Diċembru 2019.
3. Fir-rigward tal-iskoperturi elenkati fil-punt (ii) tal-Artikolu 429a(1)(n) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-determinazzjoni għandha tapplika għal dawk l-iskoperturi fil-banek ċentrali tal-Eurosistema li jkunu relatati mad-depożiti miżmuma fil-faċilità ta' depożitu jew għall-bilanċi miżmuma f'kontijiet ta' riżerva, inklużi fondi miżmuma sabiex jilhqqu r-rekwiżiti ta' riżervi minimi.
4. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal perjodu li jibda mit-28 ta' Ġunju 2021 u jintemm fil-31 ta' Marzu 2022.
5. Id-determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika b'rabta ma' kwalunkwe istituzzjoni li tkun entità sinifikanti taħt super-viżjoni fi Stat Membru taż-żona tal-euro.

*Artikolu 3***Revoka**

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1306 (BĊE/2020/44) hija mħassra b'effett mit-28 ta' Ġunju 2021.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2021.